# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' April 2016**

**Kawza Numru : 31**

**Rikors Guramentat Numru : 32/2016/LSO**

**Alexander Greve Passaport Olandiz Numru: NU48CJL03; u Ramona Piscopo Karta tal-Identita' Numru: 201178M bhala kuraturi *ad litem* u ghan-nom u in rappreżentanza tal-minuri Christopher Greve**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Alexander Greve u Avv. Ramona Piscopo a nom u in rapprezentanza tal-minuri Christopher Greve datat 13 ta’ Jannar 2016 fejn esponew:

Illi l-minuri Christopher Greve, bin Alexander Greve u Ramona Piscopo, kif legittimament rapprezentat minnhom, twieled fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru tal-elfejn u hmistax (2015), fl-isptar Mater Dei, Tal-Qroqq, Msida;

Illi l-isem tal-minuri kif jidher fil-kolonna *'Ismijiet moghtijin'* fic-certifikat tat-twelid tal-minuri, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru hamsa, sitta, disgha, erbgha (5694) tas-sena elfejn u hmistax (2015), mmarkat bhala Dok. A, qieghed erronjament indikat bhala zewg ismijiet u cioe' 'Christopher, Daniel', minflok bhala isem wiehed;

Illi l-isem moghti mill-genituri tal-minuri lil binhom huwa 'Christopher Daniel' bhala isem wiehed, u mhux bhala zewg ismijiet kif jidher fic-certifikat imsemmi;

Illi *di piu'* fil-kolonna *'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha'* fic-certifikat tat-twelid tal-minuri, l-isem tal-minuri jidher erronjament indikat bhala 'Christopher Greve' biss u mhux 'Christopher Daniel Greve';

Illi l-intenzjoni tal-ġenituri tal-minuri dejjem kienet illi binhom jissemma 'Christopher Daniel' bhala isem wiehed u mhux bhala zewg ismijiet jew bhala 'Christopher' biss kif erronjament indikat fic-certifikat tat-twelid in kwistjoni;

Illi s'issa l-genituri tal-minuri zammew lura milli japplikaw ghal dokumenti ufficjali ohrajn, bhal passaport ghal minuri, sabiex l-izball ma jkompliex jirrepeti ruhu;

Illi ghalhekk bhala legittimi rapprezentanti ta' binhom minuri jixtiequ jirregolaw il-pozizzjoni taghhom u li jsiru l-korrezzjonijiet relattivi tal-izballji erronjament indikati fl-Att tat-Twelid Numru: 5694/2015.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti *nomine* umilment jitlobu li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-isem tal-minuri huwa 'Christopher Daniel' u mhux kif gie erronjament indikat bhala 'Christopher, Daniel' fil-kolonna *'Ismijiet moghtijin'* fic-certifikat tat-twelid tal-minuri, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru hamsa, sitta, disgha, erbgha [5694) tas-sena elfejn u hmistax (2015);

2. Tiddikjara illi l-isem li bih ghandu jissejjah il-minuri huwa 'Christopher Daniel Greve' u mhux kif gie erronjament indikat bhala 'Christopher Greve' fil-kolonna *'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha'* fic-certifikat tat-twelid tal-minuri, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru hamsa, sitta, disgha, erbgha (5694) tas-sena elfejn u hmistax (2015);

3. Tordna li ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru hamsa, sitta, disgha, erbgha (5694) tas-sena elfejn u hmistax (2015) billi taht il-kolonna *'Ismijiet moghtijin'* il-kliem 'Christopher, Daniel' jigu sostitwiti bil-kliem 'Christopher Daniel';

4. Tordna li ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru hamsa, sitta, disgha, erbgha (5694) tas-sena elfejn u hmistax (2015) billi taht il-kolonna *'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha'* il-kliem 'Christopher Greve' jigu sostitwiti bil-kliem 'Christopher Daniel Greve';

U dan salv kull provvediment iehor u opportun li jidhrilha xieraq dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-1 ta' Marzu 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 18 ta' Marzu 2016 (fol 21) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur tieghu ddikjara u kkonferma dan li gej:

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva illi l-Avukat Generali gie notifikat fl-10 ta' Marzu 2016 u ghalhekk it-

terminu ta' ghoxrin jum ghall-prezentata tar-risposta beda jiddekorri minn dakinhar *ai termini* tas-subartikolu 3 tal-Artikolu 181B;

2. Illi preliminarjament ukoll, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* **tal-Artikolu** 254 **tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

3. Illi *in limine litis* huwa indispensabbli ghall-integrita' tal-gudizzju li l-minuri Christopher Greve ghandu jkun debitament rapprezentat minn kuratur jew tutur mahtur mill-Qorti skont id-dispozizzjonijiet **tal-Artikoli 781 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

4. Illi fil-formula 'Declaration for notification of birth' mmarkata bhala **'Dok** DRP 1', id-dikjarant iddikjara isem it-tarbija bhala 'Christopher' fl-ewwel isem, u 'Daniel' bhala t-tieni isem. Illi din il-formula giet ikkoreguta mill-istess dikjarant fejn jidher illi l-ewwel intenzjoni kienet illi l-ewwel l-isem ikun 'Christopher Daniel' izda wara gie kkoregut bhala 'Christopher' fl-ewwel isem, u 'Daniel' bhala t-tieni isem. Il-korrezzjoni giet inizjalata mid-dikjarant;

5. Illi d-dikjarant iffirma l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv ta' hamest elef sitt mija u erbgha u disghin (5694) tal-elfejn u hmistax (2015) li gie anness mar-rikors promotur mir-rikorrenti stess, immarkat bhala 'Dok A', fejn fil-kolonna 'isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah it-tarbija u l-kunjom' huwa ddikjarat car bhala 'Christopher Greve'.

Ghaldaqstant ma kien hemm l-ebda nuqqas min-naha tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u li b'hekk huwa m'ghandux jigi akkoljat bl-ispejjez tal-proceduri istanti;

6. Illi *inoltre* fit-talba taghhom ir-rikorrenti ma talbux sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel it-tiswija mitluba mir-rikorrenti fuq l-att tat-twelid relattiv. Huwa d-Direttur tar-Registru Pubbliku li huwa vestit bis-setgha li jirregistra jew isewwi Atti ta' l-Istatus Civili *a tenur* ta' **l-Artikolu 236 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** It-talba kif postulata mir-rikorrenti ma titlob l-ebda obbligu da parti ta' l-esponent. Isegwi ghalhekk li t-talba f' dan ir-rigward kellha ssir fis-sens li din *"l-Onorabbli Qorti tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel it-tiswija rikjesta fl-att tat-twelid relattiv (ghax tal-minuri mhux tar-rikorrent ghandu jigi korregut."*

7. Illi subordinatament, bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi;

8. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa mghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 7 ta’ April 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Graziella Tanti ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku. Dehret Dr Charlene Caruana ghar-rikorrenti. Ghal kull *buon fini* l-Qorti ordnat li r-rikorrenti jirrapprezentaw lill-minuri wkoll bhala kuraturi 'ad litem’ tal-minuri u tordna li ssir korrezzjoni opportuna kull fejn hu mehtieg fl-okkju tal-kawza billi wara n-numru tal-karta tal-identita` ta' Ramona Piscopo jizdiedu l-kliem "bhala kuraturi ad litem". Id-difensur tal-intimat ghaddiet ruhha b'notifikata bl-atti kif korretti. Id-difensur tar-rikorrenti prezenti, irrinunzjat ghat-talba fir-rigward tal-kap tal-ispejjez. Id-difensur tal-intimat irrimettiet ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti. Il-partijiet ddikjaraw li m'ghandhomx provi ulterjuri u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ April 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din it-talba qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253** *et sequitur* tal-kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta’ ismijiet tal-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254** saret debitament skont il-ligi fid-19 ta' Jannar 2016, (fol 13) u ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-intimat hija sorvolata.

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed jitolbu korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tat-tifel taghhom (**Dok A**) peress li isem il-minuri huwa "Christopher Daniel Greve" u mhux kif erronjament imnizzel "Christopher Greve".

**Ramona Piscopo** xehdet b'affidavit (fol 17) u qalet li l-intenzjoni dejjem kienet li t-tifel ikun jismu Christopher Daniel, u Daniel ma jkunx it-tieni isem tieghu. Spjegat li meta zewgha mar ir-registru Pubbliku biex jirregistra lit-tarbija, hi kienet ghadha l-isptar, u indunaw bl-izball fl-isem tat-tarbija meta marret biex tapplika ghall-passaport tal-minuri.

**Alexander Greve** xehed b'affidavit (fol 18) u qal li kien mar hu personalment biex jirregistra t-tarbija fl-ufficju tar-Registru Pubbliku. Semma li l-ufficjal saqsieh jekk it-tarbija hux ser ikollha zewg ismijiet u rrisponda fl-affermattiv, u sussegwentement inghata istruzzjoni sabiex jaqta' l-isem Daniel mill-ewwel linja sabiex l-isem 'Daniel' tnizzel fit-tieni linja. Qal li hu saqsa lill-ufficjal jekk it-tarbija hux ser ikollha zewg ismijiet, u ghalhekk telaq mid-Dipartiment mohhu mistrieh, u kien sorpriz meta rrizulta li l-isem tat-tifel taghhom kien imnizzel biss bhala Christopher Greve.

Inoltre` jirrizulta li fid-dokument **Dok DRP1** (fol 24), l-isem tal-minuri tnizzel bhala Christopher Daniel Greve, izda

jidher li kien gie ngassat sabiex l-isem Daniel imbaghad tnizzel bhala t-tieni isem.

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Fid-dawl tal-affidavits, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielhom jippruvaw li t-talba taghhom hija gustifikata billi r-registrazzjoni tal-isem tnizzlet minnhabba zball *in bona fede*.

Illi l-intimat eccepixxa li r-rikorrenti m'ghamlux talba sabiex din il-Qorti tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel it-tiswija mitluba fl-att tat-twelid relattiv. F'dan ghandu ragun ghax it-talba hi fis-sens, "Tordna li ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri mahrug mir-Registratur Pubbliku……."

Ikkonsidrat li l-ommissjoni ta' talba *ad hoc* sabiex l-ordni ssir lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ma ggibx in-nullita` jew l-irritwalita` tal-att, u fid-dawl tal-gurisprudenza l-aktar recenti, il-Qorti ghandha, fejn tista', ssewwi zbalji f'atti gudizzjarji jew timxi per ekwipollenza.

Hija evidenti li l-Qorti meta tilqa' t-talba tar-rikorrenti, ghandha tipprocedi biex taghti ordni lill-intimat sabiex jaghmel il-korrezzjoni mehtiega. B'hekk din l-eccezzjoni hija wkoll sorvolata.

Ghaldaqstant, il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti. Rigward il-kap tal-ispejjez, ir-rikorrenti

irtiraw it-talba taghhom f'dan ir-irgward u ghalhekk l-ispejjez jinkombu fuqhom.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-intimat kif spjegat, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-isem tal-minuri huwa 'Christopher Daniel' u mhux kif gie erronjament indikat bhala 'Christopher, Daniel' fil-kolonna *'Ismijiet moghtijin'* fic-certifikat tat-twelid tal-minuri, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru hamsa, sitta, disgha, erbgha [5694) tas-sena elfejn u hmistax (2015);

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-isem li bih ghandu jissejjah il-minuri huwa 'Christopher Daniel Greve' u mhux kif gie erronjament indikat bhala 'Christopher Greve' fil-kolonna *'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha'* fic-certifikat tat-twelid tal-minuri, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru hamsa, sitta, disgha, erbgha (5694) tas-sena elfejn u hmistax (2015);

3. Tilqa' t-tielet talba u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex jikkoregi c-certifikat tat-twelid tal-minuri, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru hamsa, sitta, disgha, erbgha (5694) tas-sena elfejn u hmistax (2015) billi taht il-kolonna *'Ismijiet moghtijin'* il-kliem 'Christopher, Daniel' jigu sostitwiti bil-kliem 'Christopher Daniel';

4. Tilqa' r-raba' talba u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex jikkoregi c-certifikat tat-twelid tal-minuri, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru hamsa, sitta, disgha, erbgha (5694) tas-sena elfejn u hmistax (2015) billi taht il-kolonna *'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha'* il-kliem 'Christopher Greve' jigu sostitwiti bil-kliem 'Christopher Daniel Greve';

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-qorti u dan skont l-**artikolu 256** tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' April 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' April 2016**